**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Alexia Cross**

Kaz Numru: 1216/08

Illum 23 ta' April 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alexia Cross ta' 29 sena, bint James u Josephine nee' Mangion, imwielda San Giljan, fl-14 ta' Gunju 1979 u residenti 'Pearl' , Flat 2 Triq il-Maghsar B'Marrad, detentrici tal-karta tal-identita' 316279 (M):

Billi int akkuzata talli fis-sena 2006 u fis-snin immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew

maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b' qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamilt qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad- detriment ta' Joseph Pulo ID 386149(M), ai terminu ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu tal-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

Akkuzata ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamilt uzu rninn dokument falz, ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali. Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprijajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Joseph Pulo ID 386149(M), ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi,

tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta′ rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta′ Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. fl-artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta;
2. fl-artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta;
3. fl-artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta;
4. fl-artikoli 17 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta;

Rat li l-imputata iddikjarat li m′ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputata fis-seduta tal-20 ta′ Ottubru 2014 irregistrat ammissjoni u li hija kkonfermat l-istess ammissjoni wara li nghatat zmien tirrikunsidra l-posizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati. Huwa evidenti mill-provi migjuba li r-raba′ imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Jirrizulta mill-provi prodotti li l-imputat kienet gibdet madwar Lm300 fil-gimgha mill-kont tal-parte civile fil-perjodu ta' bejn is-sena 2002 u 2005 meta l-Manager tal-HSBC Gzira gibed l-attenzjoni tieghu. Hija kienet tipprezenta ittra ffirmata minn Joseph Pulo fejn kien jawtorizzaha tigbed il-flus mill-kont tieghu, li tieghu kien taha n-numru huwa stess. Biss pero' il-firma kienet issir minnha u ma kellhiex awtorizzazzjoni mis-sur Pulo biex tigbed dawn l-ammonti. Oltre' minn dan l-istess imputata kienet tipprezenta cekkijiet lill-istess Pulo li min-naha tieghu kien isarrafhomlha izda mbaghad kienu jigu referred to drawer. Il-parte leza xehed li l-ammont totali kien ta' Lm30, 565.84. Dan kollu jwassal biex jigi konkluz li dak li wettqet l-imputata kien frodi.

Qieghed jigi rilevat ukoll li wara li l-imputata irregistrat l-ammissjoni taghha hija talbet zmien sabiex tressaq il-provi dwar il-piena li kellha tigi erogata. Il-parte leza sostna li kien ukoll intlahaq ftehim mal-imputata sabiex hija tibda thallsu izda ebda hlas ma sar. Tant huwa hekk li gie pprezentat ftehim li sar bejn il-partijiet.

Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti wara li hadet in kunsiderazzjoni n-natura u l-gravita' tar-reati, il-fedina penali tal-imputata u c-cirkostanzi kollha tal-kaz tqis li ghandha tigi erogata piena ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, wara li rat l-artikoli 18, 183, 184, 308, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal tlett (3) snin prigunerija.

Billi ma kienx hemm nominati esperti fil-proceduri odjerni l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri mit-talba ghal kundanna ghal hlas ta' esperti.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**